# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

## Kap 3: Nieħdu ħsieb xulxin

## Lezzjoni 3.6: Alla Jistħoqlu l-ġieħ tagħna

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jifhmu, permezz ta' *case study* xi tfisser li xi ħadd jieħu dak li hu tiegħek.
2. Jirrealizzaw kemm hu sew li nkunu ġusti.
3. Jisimgħu s-silta tal-Munita ta' Ċesare - Lq 20, 20-26.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Il-Bibbja: Lq.20, 20-26
- Vidjow klipp: Il-munita ta' Cesare

  http://www.youtube.com/watch?v=cXLRonimHvQ
- Karta ta' taħriġ 3.5



## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu



- Ibda billi turi l-ewwel stampa 'powerpoint' u staqsi lill-istudenti x'qed tgħidilhom din l-istampa.

- Ħalli lill-istudenti jaqsmu ma' xulxin dawk il-ħsibijie istampi.

  Oħroġ il-punt prinċipali li meta nieħdu dak li mhux tagħna nkunu qed nagħmlu l-ħażin, ma nkunux qed inħobbu.

  Uri li hu dmir tagħna li nibżgħu għall-affarijiet tal-oħrajn.

## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)



- Aqra din l-istorja u uri ż-żewġ stampi li jmorru ma' din l-istorja.
  Marisa kienet tifla li d-dar kellha kollox. Kellha kamra l-ġmiel tagħha u kien fiha kollox. Sa kompjuter u TV kellha u ma kien jonqosha xejn! Imma donnha ma tantx kienet tħobb taqdi. Darba ommha talbitha biex tmur taqdiha, imma hi, billi kienet qed tara film għal qalbha ma riditx tmur u għalkemm ommha talbitha biex tmur tixtrilha, hi baqgħet ma riditx tmur. U ommha kellha tmur hi.

  Uri l-istampa bi 'dritt' u 'dmir'. Spjega xi tfisser kull kelma u d-differenza ta' bejn it-tnejn. Uri kif dritt hu dak li ħaddieħor irid jagħmel lilek, eż. Dritt li nkun maħbub u jkolli min jieħu ħsiebi. Dmir – dak li jien irrid nagħmel lil ħaddieħor, eż. Ngħin lill-ġenituri eċċ.

  Ħalli lill-istudenti jagħtu eżempji ta' drittijiet u dmirijiet.

  Aqra l-episodju dwar il-munita ta' Cesare (Lq. 20, 20-26) u jekk trid uri l-vidjow klipp mogħtija.

  Ħalli lill-istudenti jaqsmu flimkien x'laqathom minn din l-istorja.

  Oħroġ il-fatt li Ġesù hawnhekk jgħallimna li għandna nagħtu lil kulħadd dak li hu tiegħu.

- Iftaħ il-ktieb tal-attivitajiet 3.5. Aqra u spjega s-silta mogħtija u fuq bażi ta' klassi imla Attività A u B.
- Risposti A - b'disprezz – kienu jibżgħu minnu, ma kinux iħobbuh- riedu jeħilsu minnu
- Risposti B – ħażina – iġarrbuh – ifissrilhom eżatt- nagħtu.
- Aqra Attivita' Ċ u oħloq diskussjoni fuq bażi ta' klassi għal din l-attivita'.
- Agħlaq il-lezzjoni billi tispjega l-fatt li fil-ħajja kulħadd xi darba naqas lil xi ħadd u allura m'għandniex inżommu f'qalbna u min ikollu bżonn l-għajnuna nagħtuhielu.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Min irid jgħix sew irid jirrealizza li kulħadd għandu kemm id-drittijiet, kif ukoll id-dmirijiet.
2. Id-drittijiet huma dawk li ħaddieħor irid jagħti lilhom biex jurihom rispett.
3. Id-dmirijiet huma dawk l-affarijiet li huma jridu juru lejn l-oħrajn u lejn Alla.
4. L-istorja tal-Munita Lq. 20, 20-26.
5. Ġesu jurina mid-dmir li għandna lejn l-awtorita'.



**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**



- L-istudenti jħarsu d-dmirijiet tagħhom, kemm-il darba jridu li jitħarsulhom id-drittijiet tagħhom.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**



Il-munita ta' Cesare

http://www.youtube.com/watch?v=cXLRonimHvQ

http://www.youtube.com/watch?v=w7C9pu6bxjw

**Nitolbu**

Sinjur Ġesù għinni nifhem li jekk irrid li ħaddieħor jirrispettani, jien irrid nuri rispett lejn l-oħrajn.

